# Kunsill Lokali Mellieħa

## Rapport Annwali Amministrattiv

**2011**

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 2 |
| Il-Finanzi u l- Ħidma tal-Kunsill | 5 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 14 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 17 |
| Ir-Rapport tal-Uditur u l-'Financial Statements' | 19 |

Il-mira ewlenija tal-Kunsill huwa li jżomm l-infrastruttura li taqa' fir-responsabilita` fl-aħjar stat possibbli, filwaqt li jiżviluppa postijiet ta' rikrejazzjoni ġodda bil-għan li jtejjeb il-kwalita` tal-ħajja tar-residenti, kif ukoll jattira nies oħra minn barra l-lokalita`, inkluż it-turisti. Dan għandu jġib miegħu aktar investiment mill-privat li finalment għandu jtejjeb l-ekonomija tal-Mellieħa.

Sa mill-bidu tal-mandat tas-Sitt Kunsill sar ħafna xogħol ta' tħejjija għall-implimentazzjoni ta' proġetti kapitali, li wħud minnhom diġa bdew jew ser jinbeda x-xogħol fuqhom kmieni fl-2012, li ser tkun sena ntensiva f'dik li hija mplimentazzjoni billi tinvolvi r-rejalizzazzjoni tal-proġetti bħalma huwa l-Park tal-Familja u t-Tisbiħ ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa, fost oħrajn.

Sabiex il-Kunsill jidħol għal dawn l-inizjattivi li jmorru lill'hinn mill-obbligi stabbiliti fil-ligi dwar il-Kunsill Lokali, jeħtieġ li jinkiseb finanzjament oltre l-allokazzjoni annwali mogħtija mill-Gvern Ċentrali. Dan bil-għan li l-Kunsill ikun f'posizzjoni aħjar li jwettaq proġetti mhux biss ta' natura kapitali, iżda anke inizjattivi oħra bħalma huma konferenzi u attivitajiet kulturali ta' livell. Fortunatament illum jeżistu sorsi ta' finanzjament, kemm minn sorsi governattivi lokali, kif ukoll permezz tal-programmi tal-Unjoni Ewropea. Jekk ma jittieħdux dawn l-opportunitajiet, il-Kunsill ma jkollux triq oħra ħlief li jillimita l-attivita` għall-obbligi li tistabilixxa l-liġi. Biex kunsill lokali jagħmel differenza irid imur oltre.

Robert Cutajar
**Sindku**

**2.1 Il-Kunsill**

| **Kariga** | **Attendenza għal laqgħa** |
|---|---|
| **Il-Kunsillieri** | |
| Is-Sur Robert Cutajar - Sindku | 100% |
| Is-Sur Emvin Bartolo – Viċi Sindku | 100% |
| Is-Sur Joseph Azzopardi | 100% |
| Is-Sur Clayton Bartolo | 100% |
| Is-Sur John Buttigieg | 94% |
| Is-Sur Patrick Cutajar | 82% |
| Is-Sur Hilary Fenech | 100% |

Bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill iltaqa' sbatax-il darba.

**L-Impjegati**

Is-Sur Carmel Debono – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sinjura Marica Azzopardi - Uffiċjal fi Skala 11

Is-Sinjura Mariv De Bono – Uffiċjal fi Skala 15

Is-Sinjura Yvonne Muscat – Uffiċjal fi Skala 15

Is-Sur Jonathan Micallef – Uffiċjal fi Skala 15 (b'effett minn Novembru 2011)

Is-*set-up* li ġie stabbilit fl-ewwel seduti tas-Sitt Kunsill baqa' xi ftit jew wisq l-istess bħal dak tas-sena preċedenti. Differenza mill-Kunsilli preċedenti, hija li mhux daqshekk dipendenti fuq il-ħidma tas-sotto-kumitati. Kien għalhekk li l-Kunsill attwali ħalla r-responsabilitajiet direttament f'idejn il-Kunsillieri ndividwali, bil-għan li jkun hemm aktar kontabilita`. B'dan il-mod, m'hemm xejn li jżomm il-Kunsillieri milli jikkonsultaw ma' persuni jew organizzazzjonijiet esperti f'xi qasam partikulari, sabiex jilħqu l-għanijiet tagħhom.

Il-Kunsill jfittex li jikseb il-parir tat-*Tender Adjudication Board* li minbarra illi huwa kompost minn membri eletti, hemm persuni li huma esperti f'oqsma rilevanti man-natura tal-materji li jiġu trattati. Dan il-Bord iltaqa' tliet darbiet biex ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill fuq sitt kuntratti ġodda li jvarjaw mill:

- Ikkummissjonar ta' studju dwar strateġija għal Żvilupp Sostenibbli fil-Mellieħa;
- Għoti ta' kuntratt dwar ir-*Resurfacing* ta' Triq l-Armier bil-kunċett ta' *public private partnership*;
- Kuntratt dwar *Project Management* b'rabta mal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ;
- Kuntratt dwar it-Tisbiħ tal-wesgħa bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida; u
- Kuntratt ieħor li jipprovdi għal Titjib ta' passaġġi u *Soft Areas* fil-Qasam Ta' Pennellu.

  Kien hemm kuntratt ieħor li ngħata wara li saret konsultazzjoni teknika, illi kien jinvolvi l-*floodlighting* tal-Knisja Parrokkjali u s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.

Ix-xogħol amministrattiv kompla żdied b'mod sinifikanti, partikularment bl-implimentazzjoni ta' proġetti iffinanzjati taħt programmi tal-Unjoni Ewropea jew direttament minn sorsi lokali. L-ipproċessar ta' permessi temporanji li jinħarġu bis-saħħa ta' avviżi legali u *bye-laws* fis-seħħ huma sostanzjalment impenjattivi wkoll u jirrikjedu ċerta attenzjoni fil-kordinazzjoni tagħhom biex jinħoloq sens ta' ordni, sigurta` fit-toroq tal-lokalita`bl-inqas inkonvenjent possibbli. Biex jilqa' għal dawn l-esiġenzi, il-Kunsill iffunzjoni bis-*set-up* li jidher hawn taħt:


Il-Kunsill
Is-Sindku
Is-Sindku R. Cutajar
Ufficċju Amministrattiv u Ppjanar Strateġiku tal-Kunsill; Proġetti Kapitali; Il-Manikata; Il-Familja, Turiżmu u Kultura, Ġonna Pubbliċi; Attivitajiet Popolari; Programmi tal-Unjoni Ewropea; Ġemellaġġi; Informazzjoni u Konsultazzjoni Pubblika; l-Magazin tal-Kunsill; Chairman tat-Tender Adjuducation Board
Il-Viċi Sindku E. Bartolo
Żamma ta' l-Ordni, Protezzjoni tal-Komunità (Gwardjani Lokali) u Rappreżentant fuq il-Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku; Traffiku u Kordinament tal-Festa tal-Vitorja; Membru fuq it-Tender Adjudication Board
Is-Segretarju Eżekuttiv
Il-Kunsillier J. Azzopardi
Affarijiet Rurali; Ambjent; l-Indafa Pubblika
Uffiċjal fi Skala 11
Il-Kunsillier C. Bartolo
Melleħin Emigrati barra minn Malta; Protezzjoni tal-Konsumatur; Korsijiet Edukattivi
Il-Kunsillier J. Buttigieg
Il-Wirt Storiku; Entitajiet Pubbliċi; u Membru fuq it-Tender Adjudication Board
Tliet Uffiċjali fi Skala 15
Il-Kunsillier Patrick Cutajar
Teknoliġija tal-Informatika; Komunità Kummerċjali; u s-Self Employed.
Il-Kunsillier Hilary Fenech
Edukazzjoni; Żgħażagħ; u Sports
Contracts Manager fuq l-operazzjoni tal-Kunsill in ġenerali
Contract Manager fuq Proġetti ta' Road Resurfacing
Ħames ħaddiema assenjati mill-IPSL u mill-ETC
Contract Manager fuq il-Heritage Trail ta' Selmun u l-Imġiebah
Uffiċjal Awtorizzat fuq materji li jinvolvu l-Infurzar tal-Liġi

### 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Matul it-tnax-il xahar koperti b'dan ir-rapport kien hemm ħidma intensiva f`dik li hija implimentazzjoni ta' proġetti kapitali li nġieb finanzjament għalihom mill-Gvern Ċentrali jew permezz tal-programmi tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll minn sorsi lokali, bħal fil-każ tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ, t-Tisbiħ ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u l-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ.

Ix-xogħol fuq is-sit fil-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ beda f'Ġunju 2010 u minn dakinhar sal-perjodu kopert b'dan ir-rapport baqa' għaddej bla waqfien, tant li l-kostruzzjoni waslet fi stadju avvanzat. Fil-fatt sar il-bini tal-korsa, l-*multi-purpose court* u tulijiet konsiderevoli ta' ħitan tas-sejjieħ. Il-materjal kollu ġie ffinanzjat mill-Kunsill, filwaqt li l-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali pprovda l-ħaddiema tiegħu jew għadda x-xogħol lil kuntratturi privati, fejn ma setax jasal bil-ħaddiema tiegħu. In-nefqa fuq dan il-proġett matul is-sena li għaddiet laħqet €167,000. Il-Kunsill ta kuntratt sabiex isiru d-dwal fil-kumpless kollu, inkluż il-*floodlighting* meħtieġ. Din il-fażi tal-proġett ser jagħmel tajjeb għaliha l-Kunsill waħdu u hija stmata li ġejja tiswa €145,000. Il-pavimentar tal-passaġġi ser isir minn kuntrattur imqabbad mit-Taqsima tax-Xogħlijiet. F'dan il-każ, l-ispiża hija stmata li tlaħħaq € 76,000, fejn il-Kunsill intrabat li jkopri €61,000 minnha. Saret sejħa għall-offerti sabiex isir ir-*rubber flooring* tal-korsa, il-*multi-purpose court* u fil-*play area*. Min-naħa tas-Segretarjat responsabbli mill-Isports saret sejħa sabiex isir *open air gym*. Il-Kunsill qed jaħseb ukoll fuq l-amministrazzjoni tal-kumpless wara li dan jitlesta. It-tmexxija tal-kumpless ser tinvolvi l-għaqdiet sportivi Melleħin li sal-lum għad m'għandhomx faċilitajiet fejn jipprattikaw l-isports tagħhom.

**<u>L-Iskola Primarja u l-madwar</u>**

Matul is-sena li għaddiet tkompliet issebbħet l-area qrib l-iskola primarja bil-monument li twaqqaf fuq ir-*roundabout* fit-tarf ta' Triq Qasam Barrani. Ix-xogħol fuq it-tisbiħ tas-*soft area* bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida, waqaf temporanjament għaliex irriżulta li kien hemm ħtieġa li jiġu emendati l-pjanti bl-approvazzjoni tal-MEPA. Dan peress li ġew inklużi fiħ *water features, tibdil* fil-passaġġi u fil-livelli.

**Titjib ta' Toroq**

Permezz tal-ftehim dwar l-asfaltar mill-ġdid ta' Triq l-Armier bil-kunċett ta' *public private partnership*, il-Gvern Ċentrali ser joħroġ 30% tal-ispiża totali, filwaqt li l-Kunsill iġorr 70%. L-istess ftehim jipprovdi wkoll li l-kuntrattur jitħallas fuq medda ta' tmien snin. L-ewwel fażi ta' dan il-proġett, swiet €379,000 u kienet tinvolvi il-parti bejn it-Triq Ta' Msid u Triq ir-Ramlet il-Qortin. Din tlestiet f'Ġunju 2011, filwaqt li minn din it-triq 'il ġewwa ser titkompla fl-ewwel nofs tal-2012.

**Żvilupp ta' Postijiet ta' Rikrejazzjoni**

Ġnien Ħidmet il-Volontarjat fiż-żona ta' *Mellieħa Heights*, ġie nawgurat fi Frar 2011, iżda kien għadu mingħajr il-provista tal-elettriku minħabba li ma nħariġx il-*complaince certificate* mill-MEPA, għar-raġuni li kien hemm diskrepanza żgħira fil-qlib tar-rampi intiżi għall-persuni b'diżabilita`. It-tibdil meħtieġ sar u dan il-proġett jista' jiġi konkluż, billi jinħareġ il-*compliance certificate* mill-MEPA. B'hekk, l-Enemalta tipprovdi s-servizz tal-elettriku sabiex il-*playing field* ikun jista' jinxtgħel. L-ispiża fuq iż-żewġ fażijiet ta' dan il-proġett ser tkun laħqet kwart ta' miljun Ewro. L-ewwel fażi tal-proġett swiet €33,000. Il-Kunsill ser ikun irkupra 80% minn din is-somma mil-Fond għat-Titjib Urban li huwa amministrat mill-MEPA.

Il-Kunsill ser jissottometti talba lill-MEPA sabiex dan il-proġett dwar it-titjib tal-*Playing Field* fi Triq l-Erwieħ jiġi ffinanzjat mill-Fond għat-Titjib Urban. Is-sistema tad-dwal fi Ġnien Dun Anton Debono, kif ukoll dik ta' Ġnien il-Qigħan ser jiġu ffinanzjati mill-fondi ordinarji tal-Kunsill. Minkejja dan saret talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex dawn jiġu mgħejjuna permezz ta' fondi taħt l-Iskema dwar il-*Playgrounds*. Il-Kunsill għamel talba li ġiet aċċettata dwar l-installazzjoni ta' pannelli fotovoltaiċi fi Ġnien Dun Anton Debono.

Il-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ huwa forsi l-iktar wieħed li jiġbed nies lejħ minħabba l-veduti sbieħ li joffri u għalhekk ġie deċiż li d-dehra ta' dan il-post għandha titjieb, filwaqt li l-bandli eżistenti jinbidlu ma' oħrajn li jistgħu jintużaw b'anqas periklu mit-tfal. Kmieni fl-2012 mistennija ssir sejħa għall-offerti ħalli jkun jista' jsir ix-xogħol meħtieġ. Ġnien Dun Anton Debono u Ġnien il-Qigħan jeħtiġilhom it-tnejn bdil totali fis-sistema

tal-elettriku. Ġnien il-Qigħan safa l-mira tal-vandali diversi drabi u għalhekk ser tiġi nstallata sistema ta' *CCTV*. Saru spezzjonijiet minn uffiċjali tal-*Malta Competition and Consumer Affairs Authority* li ndikaw numru ta' fatturi li jeħtieġ jiġu trattati bil-għan li jkun hemm titjib fis-sigurta` għat-tfal li jiffrekwentaw dawn il-postijiet.

## Ħarsien u Dgawdija tal-Wirt Storiku

Dwar il-proġett ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II kien hemm tibdil fil-pjanijiet tal-Kunsill, fis-sens li minbarra t-tisbiħ tal-misraħ innifsu, ser ikun hemm inkluż ukoll l-bdil tal-aperturi tal-metal li saru maż-żmien ma' oħrajn tal-injam. Ser jitneħħew is-siġar tal-ficus li hemm f'dan il-misraħ u ġew trasferiti għal Triq Napuljun Caruana Dingli. Minflokom ser jitħawlu oħrajn li ma jikkawżax ħsara fil-paviment, filwaqt li ma jattirawx daqstant l-għasafar. Il-puġġaman eżistenti ser jinbidel ukoll ma' wieħed tal-ħadid, kif ukoll isir pavimentar, flimkien ma' *water feature*. L-aċċess għall-misraħ ser ikun ristrett bil-għan li dan isir żona pedonali fejn wieħed jista' jieqaf u jġawdi l-madwar. Ġew ivvutati €408,000 għal dan il-għan, wara li l-Kunsill aċċerta ruħu minn finanzjament permezz tal-Vot għal Inizjattivi Speċjali amministrat mill-Ministeru responsabbli mill-Kunsilli Lokali. Kif tħabbar waqt konferenza stampa mogħtija mis-Segretarju Parlamentari Chris Said fit-22 ta' Novembru 2011, it-talba ġiet aċċettata u llum il-Gvern Ċentrali huwa kommess li jgħaddilna s-somma msemmija b'risq dan il-proġett.

Ġiet installata sistema ta' *floodlighting* mal-Knisja Parrokkjali u s-Santwarju flimkien mat-toroq tal-madwar, twettaq għalkemm għad fadal li jsir iktar irfinar fid-distribuzzjoni tad-dawl. Għad-fadal li jiġu mtejba d-dwal tal-koppla u fin-naħa t'isfel ta' Triq l-Erwieħ. Huwa mistenni li x-xogħol kollu jiġi konkluż kmieni fl-2012. L-ispiża fuq dan il-proġett mistennija tlaħħaq €50,000.

Il-Kunsill talab id-devoluzzjoni ta' numru ta' beni pubbliċi f'Selmun u l-Imġiebaħ bil-għan li tinħoloq mixja fil-kampanja - *heritage trail*. Dan il-għan ser jintlaħaq bir-restawr ta' bini rurali li hemm quddiem il-Palazz ta' Selmun, miġbħa antika għat-trobbija tan-naħal, *pill boxes* u *beachpost* tat-Tieni Gwerra Dinjija u t-tiswija tal-ilqugħ għall-ilma tax-xita li jinsab fil-Ballut tal-Imġiebaħ. Dan huwa proġett kemmxejn estensiv u jirrikjedi finanzjament sostanzjali li stmat illi jlaħħaq 'il fuq minn €1,069,282 – spiża li tmur lill'hinn mill-mezzi li għandu l-Kunsill. Kien għal din ir-raġuni li saru żewġ

applikazzjonijiet għall-finanzjament taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali – Miżuri 313 u 323. Is-somma allokata mill-Aġenzija tal-Pagamenti tinkludi wkoll il-kofinanjament mill-Gvern u eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud marbuta ma' dan il-proġett. Għalkemm sa Diċembru 2011 kien għadu ma sar xejn fiżikament fuq il-postijiet li semmejt, kien hemm ħafna xogħol ta' tħejjija, fosthom l-iżkumbrament u t-tindif tal-bini li hemm quddiem il-Palazz ta' Selmun. Saru numru ta' studji li wasslu għall-ħruġ ta' sitt permessi mill-MEPA, li jkopru l-proġett kollu. Hekk kif inħarġu l-permessi kollha, tħejjew id-dokumenti tal-offerti sabiex ikun jista' jibda x-xogħol fuq il-post.

## Ħarsien u Dgawdija tal-Wirt Storiku

Kien hemm tibdil fil-pjanijiet tal-Kunsill, dwar il-proġett ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, fis-sens li minbarra t-tisbiħ tal-misraħ innifsu, ser jinbidlu l-aperturi tal-metal li saru maż-żmien ma' oħrajn tal-injam. Dan peress li l-istoriċi jsostuni li dan huwa l-eqdem bini li jeżisti fil-Mellieħa. Il-Kunsill iddiskuta wkoll it-tneħħija tas-siġar tal-ficus li hemm f'dan il-misraħ u kien qed jara li jinstab post ieħor fejn dawn jistgħu jitħawwlu mill-ġdid. L-opinjoni ġenerali hija li jitħawwlu oħrajn li ma jikkawżax ħsara fil-paviment, filwaqt li ma jattirawx daqstant l-għasafar. Il-puġġaman eżistenti ser jinbidel ukoll ma' wieħed tal-ħadid, kif ukoll isir pavimentar tal-porfido mżewwaq bil-ġebel tal-qawwi, flimkien ma' *water feature*. L-aċċess għall-misraħ ser ikun ristrett bil-għan li dan isir żona pedonali fejn wieħed jista' jieqaf u jġawdi l-madwar. Saret talba sabiex dan il-proġett jiġi ffinanzjat permezz tal-Vot għal Inizjattivi Speċjali amministrat mill-Ministeru responsabbli mill-Kunsilli Lokali. Kif tħabbar waqt konferenza stampa mogħtija mis-Segretarju Parlamentari Chris Said fit-22 ta' Novembru 2011, it-talba ġiet aċċettata.

Il-*floodlighting* tal-Knisja Parrokkjali u s-Santwarju flimkien mat-toroq tal-madwar, twettaq, għalkemm kien għad fadal li jsiru ċertu rtokki fuqu biex id-distribuzzjoni tad-dwal tkun iktar ibbilanċjata. Huwa ttamat li x-xogħol kollu jiġi konkluż ma jdumx. L-ispiża fuq dan il-proġett mistennija tlaħħaq €50,000.

L-estensjoni tal-uffiċċju amministrattiv kien suġġett li qajjem dibattitu fis-seduti tal-Kunsill, forsi mhux dwar jekk għandux jinxtara jew le, imma aktar dwar il-proċess li ġie segwit. Intant, f'Awwissu 2011 kien iffirmat konvenju bejn il-Kunsill u l-Mellieħa

Sports Club, li għandu jwassal għall-iffirmar tal-att finali wara li jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa mill-MEPA, kemm biex jiġu regolarizzati jew sanzjonati ċertu aspetti tal-binja, kif ukoll biex ikun jista' jintuża bħala uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Il-prezz miftieħem bejn il-partijiet huwa ta' €210,000, pagabbli fuq medda ta' sentejn.

**Il-Qasam Sportiv**

Il-Kunsill kompla jorganizza *leagues* tas-*snooker* u l-*American Pool*, is-*Seaside Slam* fl-Għadira u għat-tielet sena konsukuttiva saru il-*Manikata Fun Games*. Permezz tal-kuntatti tajbin li għandna mal-Comune di Pozzallo fi Sqallija, il-Mellieħa Athletic Club ikkompeta fit-Trofeo del Mediterraneo li sar fl-istess belt fit-3 ta' April li għadda. L-atleti kollha wrew apprezzament għall-opportunita` li ngħatatilhom biex setgħu jikkompetu barra minn Malta.

Il-Kunsill ħass li jkun xieraq illi l-isforzi u s-sagrifiċċji li jagħmlu l-isportivi u l-uffiċjali għandhom jingħataw rikonoxximent uffiċjali mill-Kunsill waqt attivita` li ttellgħet għat-tielet sena konsekuttiva, f'Ġunju 2011. Il-konkors Sportivi Melleħin tas-Sena hija inizjattiva li qed isegwu kif marret fit-tliet edizzjonijiet li għaddew u ser naraw x'nisgħu ntejbu fiha. Għalhekk inħatar kumitat apposta fi ħdan il-Kunsill, biex jirrevedi l-kriterji li fuqhom jingħataw l-unuri. Biex nevalwaw il-kontribut tagħna fil-qasam sportiv, kemm f'dik li hija titjib ta' infrastruttura, kif ukoll f'dak li jirrigwarda avvenimenti sportivi, il-Kunsill ressaq in-nomina għal-*Local Council Award* mogħti mill-Kumitat Olimpiku Malti. Għat-tielet sena konsekuttiva, l-impenn fil-qasam sportiv tal-Kunsill ġie rikonoxxut mill-Kumitat Olimpiku Malti, fejn fl-2011 ġie *runners-up* għal dan l-unur, wara li ġie l-ewwel fis-sena preċedenti.

**Il-Ġemellaġġi u Attivitajiet Popolari**

It-tliet lokalitajiet ġemellati mal-Mellieħa ġew mistiedna jipparteċipaw fl-Iljieli Mellieħin tas-sajf li għadda. Il-Comune di Cavriglia kien f'posizzjoni li jieħu sehem, u fil-fatt ipparteċipaw bl-ikel mir-Reġjun tas-Toscana, kif ukoll bl-arti u l-artiġġjanat tagħhom. Il-Kunsill Lokali ġie mistieden jattendi għall-*Agia Napa Festival* f'Ċipru, li seħħ bejn it-22 u s-26 ta' Settembru 2011. F'dan l-avveniment annwali, ittieħdet l-opportunita` biex jittella' *stand* promozzjonali dwar l-attrazzjonijiet li għandna fil-Mellieħa, permezz ta' ritratti u *brochures* fuq il-lokalita`.

Delegati minn Cavriglia u Agia Napa attendew għall-Konferenza dwar il-Ġemellaġġi li saret fit-12 u t-13 ta' April 2011. Id-delegazzjoni ta' Cavriglia kienet magħmula minn żewġ uffiċjali, filwaqt li dik ta' Agia Napa kienet iffurmata minn ħames persuni. Rappreżentant minn kull lokalita` indirizza l-konferenza. Fl-istess okkażjoni is-Sindku Robert Cutajar għamel diskors u ta preżentazzjoni viżiva li kienet titratta prattiċi tajbin dwar l-involviment tal-komunita` fil-ħidma tal-Kunsill Lokali.

Kif għidt aktar qabel, jeżistu kuntatti tajbin mal-Comune di Pozzallo li stiednu lill-Kunsill sabiex jibgħat banda mill-Mellieħa biex tieħu sehem fin-*Notti Blu* li saru fl-istess belt bejn id-29 u t-30 ta' April. Din id-darba marret il-Banda La Vittoria. Ta' min jgħid li l-parteċipazzjoni ta' baned Melleħin tiġi apprezzata ferm minħabba l-preparazzjoni li juru.

F'Ġunju saret il-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ, li din is-sena reġgħet ittieħdet lura lejn Misraħ il-Parroċċa, fuq ix-xewqa tal-għaqdiet mużikali. Matul ix-xhur tas-sajf komplejna bis-sensiela ta' attivitajiet fil-ġonna pubbliċi msejħa *Mellieħa Gardens By Night*. F'Mejju, ittellgħet it-tielet edizzjoni tal-*Animal Fest*, li kienet tikkonsisti f'wirjiet ta' *pets* u tpingija mit-tfal, fost *items* oħra. Din l-edizzjoni saret f'Selmun, fejn ittieħdet l-opportunita` biex il-pubbliku jara l-irziezet li ġew devoluti lill-Kunsill, liema bini ser jifforma parti mill-*heritage trail* li saret referenza għalih aktar qabel. F'Settembru, il-lokalita` tagħna ħadet sehem fil-*Car Free Day*, meta ġew magħluqa għat-traffiku t-toroq ewlenin, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u Misraħ il-Parroċċa. Fl-istess postijiet ġew organizzati attivitajiet sportivi, bejn it-8.00am u l-5.00pm.

Biex dawn l-attivitajiet ma jkunux ta' piż finanzjarju fuq il-Kunsill, inkisbet għajnuna mill-Gvern Ċentrali permezz tal-iskemi li ntroduċa s-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali, kif ukoll minn entitajiet privati. Bejn Jannar u Diċembru 2011 il-Kunsill ser ikun daħħal iktar minn €20,000 bħala *sponsorship* b'risq l-attivitajiet li organizza - il-parti l-kbira taħt l-Iskema tal-Attivitajiet Kulturali, amministrata mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali. Wieħed irid jaċċenna wkoll li jkun hemm għaqdiet, entitajiet kummerċjali u individwi, li għalhemm ma jikkontribwux bi flus, jagħtu sehemhom b'mezzi oħra biex dawn l-attivitajiet ikunu possibbli.

**<u>Inizjattivi oħra ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea</u>**

Fil-qasam kulturali pparteċipajna f'żewġ proġetti ta' natura kulturali ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, permezz tal-Programm YOUTH u l-EUROPE FOR CITIZENS. L-ewwel proġett kien jinvolvi grupp ta' żgħażagħ Melleħin li ġew ospitati fil-lokalita` ta' Elblag fil-Polonja, fejn ħadmu flimkien ma' żgħażagħ minn dik il-belt fuq proġett dwar l-arti. Il-proġett l-ieħor qed jitwettaq flimkien mal-Comune di Casalborgone, li jinsab qrib Turin l-Italja u jinvolvi żewġ lokalitajiet oħra ġejjin mir-Rumanija u l-Latvia. Dan jittratta diversi aspetti li jikkonċernaw il-ħarsien u l-potenzjal tat-territorju, liema tema ser tiġi trattata waqt konferenzi li ser jiġu mlaqqa' f'kull lokalita` msieħba. L-ewwel konferenza saret f'Casalborgone bejn is-17 u 19 ta' Settembru, fejn il-Mellieħa kienet rappreżentati b'delegati konnessi mas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa; ix-Xelters tat-Tieni Gwerra; il-Mużew tat-Tunnara, it-Torri l-Abjad, it-Torri l-Aħmar, il-*Heritage Trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ, produtturi ta' ikel tipiku Malti u mill-Koperattiva Rurali tal-Manikata. Kien hemm delegati wkoll minn Nature Trust u l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu. Il-Kunsill huwa msieħeb flimkien ma' *partners* oħra mir-reġjun tal-Mediterran fil-Proġett OASIS, illi essenjament huwa wieħed ta' natura kulturali li qed jiġi kordinat mill-Movimenti Azzuro bbażat f'Ruma.

## Fora

Il-Kunsill jemmen illi għandhom jinħatfu l-opportunitajiet li jkun hemm biex jippromwovi l-lokalita` mil-lat turistiku, li finalment jissarraf f'titjib ekonomiku għall-istess lokalita`. Hekk li l-Kunsill kien strumentali biex proprju f'April 2011 ittellgħa l-*Mellieħa EDEN Conference* fil-Bitħa tas-Santwarju li kien attendew għaliha 'il fuq minn 70 delegat barrani. Din l-okkażjoni serviet biex l-istess delegati jiffamiljarizzaw ruħhom mal-lokalita` u l-kultura tagħna u l-pajjiż in ġenerali. Minbarra li l-Kunsill ta l-kontribut finanzjarju tiegħu, saret talba lill-Ministeru tal-Finanzji sabiex jiffinanzja parti mill-ispiża nvoluta. Il-konferenza EDEN issir darbtejn fis-sena, darba fi Brussel u darba oħra f'lokalita` imsieħba f'dan in-*network*. Flimkien mal-Mellieħa jeżistu tliet lokalitajiet li ngħataw dan l-unur – l-Isla, f'Malta u n-Nadur u Santa Luċija f'Għawdex.

## Postijiet ta' Rikrejazzjoni f'Żoni Rurali

Il-Kunsill kompla jiffinanzja l-infurzar ta' *Bye-Laws* dwar Attivitajiet fil-Beraħ li jirregolaw l-ikkampjar u l-*barbecues*, permezz ta' *patrols* mill-Gwardjani Lokali u l-Pulizija. Sar sforz biex jinżamm bilanċ bejn id-delizzju tal-kaċċa u l-ikkampjar fiż-żona tal-Aħrax, billi tnaqqset l-area fejn jista' jsir l-ikkampjar waqt l-istaġun tal-kaċċa. Ġew

miżjuda l-ħinijiet tal-ftuħ tal-latrini pubbliċi fl-Armier, fir-Ramla tal-Mixquqa u fl-Għadira bejn Lulju u Settembru, biex twalu mit-8.00 ta' filgħaxija sa nofs il-lejl.

**Ġbir tal-Iskart**

Ġie ffirmat ftehim mal-kumpanija Green MT Ltd sabiex jinġabar l-iskart riċiklabbli tal-boroż il-griżi kull nhar ta' Tlieta u Ħamis. L-istess ftehim jipprovdi wkoll għat-tbattil tal-*bins* fit-tnax-il *bring-in sites* li jeżistu fil-lokalita`, liema servizzi qed jingħataw lill-Kunsill mingħajr ħlas. L-istess kumpanija pprovdiet numru ta' *litter bins* għall-iskart separat fil-bajjiet ewlenin, kif ukoll qassmet numru ta' boroż griżi lir-residenti li servew għal numru ta' ġimgħat, sakemm ir-residenti draw bis-sistema l-ġdida. Interessanti li wieħed jinnota li bejn Jannar u Settembru nġabru ftit iktar minn 104 tunnellati ta' skart reċiklabbli mill-*bring-in sites* tal-Mellieħa. Dan kien it-tielet l-għola tunnellaġġ li nġabar mir-reġjun tat-tramuntana, minn fost ħdax-il lokalita`, wara l-Mosta u n-Naxxar. Illum l-ammont ta' skart reċiklabbli li jiġi separat mir-residenti huwa ferm ikbar għaliex il-figura mogħtija ma tinkludix it-tunnell miġbur mill-iscammel kull nhar ta' Tlieta u l-Ħamis.

**L-Edukazzjoni**

Bil-kollaborazzjoni tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni u d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali l-Kunsill ħa sehem fl-Iskema Tagħlim Tul-il Ħajja, li permezz tagħha saru żewġ korsijiet fil-lingwa Maltija għall-Barranin. Sar kors ieħor fil-*food handling*. Il-Kunsill daħal fl-Iskema EGOV4U, li permezz tagħha qed jitħarrġu numru ta' persuni dwar kif jottjenu servizzi offruti mill-Gvern permezz tal-internet. Diversi korsijiet oħrajn saru fl-użu tal-kompjuter għal nies ta' etajiet varji. Flimkien ma' ditta privata ġew organizzati wkoll korsijiet nawtiċi - suġġett li tant teżisti domanda għalih, forsi għaliex il-lokalita` tinsab qrib il-baħar.

**Servizzi fil-Komunita`**

Il-Kunsill huwa mpenjat fit-tmexxija taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum, kif ukoll fin-*Night Shelter* f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Matul is-sena li għaddiet il-Kunsill iffinanzja numru ta' attrezzi, kif ukoll jagħmel tajjeb għal servizz ta' tindif tal-aperturi tal-istess Ċentru. Barra minn dan il-Kunsill ikkordina l-għoti tal-injezzjonijiet tal-influwenza lill-persuni li għandhom 'il fuq minn 55 sena u anke dawk li huma *bedridden*. 780 persuna bbenefikaw minn dan is-servizz.

Servizz ieħor b'risq il-komunita` huwa dak tas-*summer camp* imsejjaħ AvventuraSajf, għat-tfal bejn Kinder 1 sa Year 3, li kompla jiġi msaħħaħ permezz ta' għalliema u *learning support assistants* kwalifikati, mgħejjuna minn studenti universitarji mill-Fakolta` tal-Edukazzjoni. Il-proġett AvventuraSajf jibbenefikaw minnu ħafna ġenituri, partikularment ommijiet jaħdmu, li altrimenti jkollhom problema jagħmlu hekk fil-perjodu tas-sajf, meta t-tfal ikunu bil-vaganzi. In-numru ta' tfal qed kulma jmur jikber, tant li fl-edizzjoni 2011 attendew 134. Din l-opportunita` ittieħdet sabiex it-tfal jitrawwmu fl-użu tal-kompjuter permezz ta' kors addatat għalihom. Minbarra l-logħob u *crafts*, it-tfal ikunu nvoluti f'attivitajiet barra mill-iskola bħal għawm u żjarat edukattivi. Fl-aħħar edizzjoni, it-tfal ħadu sehem fil-*Beach Hat Parade* li saret fl-Għadira, fejn it-tfal għamlu kpiepel minn materjal diġa wżat. Fl-istess okkażjoni, it-tfal assistew għall-preżentazzjoni tal-*Beach of Quality Certificate* li ġie ppreżentat minn uffiċjali tal-*Blue Flag Organisation* lill-Kunsill Lokali u lill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, bħala rikonoxximent għall-istat li qed tinżamm fiħ il-Bajja tal-Għadira.

**<u>Il-Qasam Letterarju</u>**

F'Novembru tnieda t-tielet ktieb fis-sensiela Ħannieqa Kulturali bl-isem "Iż-Żija tal-Mellieħa" li huwa kitba ta' David Azzopardi li jitratta storja għat-tfal ambjentata fil-Mellieħa. Din il-pubblikazzjoni tniedet waqt il-Fiera tal-Ktieb, li l-Kunsill ħa sehem fiha għat-tielet sena konsekuttiva. Il-Kunsill iqis din il-fiera bħala pjattaforma sabiex jippromwovi il-Ħannieqa Kulturali, kif ukoll pubblikazzjonijiet oħra ta' awturi Melleħin fuq livell nazzjonali.

## 4.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dħul u fl-Infiq

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>2011<br>ATTWALI<br>JAN-DIC<br>Eur | b<br>2011<br>MARBUTA<br>JAN-DIC<br>Eur | a+b<br>2011<br>TOTAL<br>JAN-DIC<br>Eur | c<br>2010<br>TOTAL<br>Eur | d<br>2011<br>ESTIMI<br>JAN-DIC<br>Eur | (a+b)-d<br>VARJANZA<br>MA` L-ESTIMI<br>Eur |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 1,160,169.39 | 33,000.00 | 1,193,169.39 | 1,106,753.92 | 1,097,462.00 | (95,707.39) |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 72,576.29 | 5,869.50 | 78,445.79 | 57,105.69 | 30,928.00 | (47,517.79) |
| 0090 | L-Investiment | 10,528.50 | 0.00 | 10,528.50 | 11,887.11 | 9,656.00 | (872.50) |
| 0100 | Ġenerali | 140,899.08 | 32,475.40 | 173,374.48 | 15,563.57 | 179,045.00 | 5,670.52 |
| | TOTAL | **1,384,173.26** | **71,344.90** | **1,455,518.16** | **1,191,310.29** | **1,317,091.00** | **(138,427.16)** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 102,553.86 | 0.00 | 102,553.86 | 105,980.63 | 116,323.04 | 13,769.18 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 559,694.52 | 36,795.47 | 596,489.99 | 513,982.86 | 689,995.89 | 93,505.90 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 939,792.44 | 6,866.00 | 946,658.44 | 282,059.64 | 1,505,517.00 | 558,858.56 |
| | TOTAL | **1,602,040.82** | **43,661.47** | **1,645,702.29** | **902,023.13** | **2,311,835.93** | **666,133.64** |
| | **Bilanċ** | **(217,867.56)** | **27,683.43** | **(190,184.13)** | **289,287.16** | **(994,744.93)** | **(804,560.80)** |

Noti:

## 4.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-dettall

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>2011<br>ATTWALI JAN-DIC<br>Eur | b<br>2011<br>MARBUTA JAN-DIC<br>Eur | a+b<br>2011<br>TOTAL JAN-DIC<br>Eur | c<br>2010<br>TOTAL<br>Eur | d<br>2011<br>ESTIMI JAN-DIC<br>Eur | (a+b)-d<br>VARJANZA<br>MA` L-ESTIMI<br>Eur |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | | | |
| 0001 | Annwali | 952,922.76 | | 952,922.76 | 953,005.44 | 952,926.00 | 3.24 |
| 0002 | Supplimentari | | | 0.00 | | | 0.00 |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | | | 0.00 | | | 0.00 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Publiċi/Governattivi | 50,950.00 | | 50,950.00 | 62,300.00 | | (50,950.00) |
| 0015 | Ħwejjeġ Oħra | 156,296.63 | 33,000.00 | 189,296.63 | 91,448.48 | 144,536.00 | (44,760.63) |
| | | **1,160,169.39** | **33,000.00** | **1,193,169.39** | **1,106,753.92** | **1,097,462.00** | **(95,707.39)** |
| **0020** | **Il-'Bye-Laws'** | | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 31,797.11 | | 31,797.11 | 32,130.24 | 14,733.00 | (17,064.11) |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 22,484.94 | | 22,484.94 | | 300.00 | (22,184.94) |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | | | 0.00 | | | 0.00 |
| 0066 | Ġenerali | 1,928.24 | | 1,928.24 | 2,552.45 | 1,800.00 | (128.24) |
| 0070 | Fondi tal-Unjoni Ewropea | 16,366.00 | 5,869.50 | 22,235.50 | 22,423.00 | 14,095.00 | (8,140.50) |
| | | **72,576.29** | **5,869.50** | **78,445.79** | **57,105.69** | **30,928.00** | **(47,517.79)** |
| **0090** | **Investiment** | | | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 10,528.50 | | 10,528.50 | 11,887.11 | 9,656.00 | (872.50) |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | 0.00 | | | 0.00 |
| | | **10,528.50** | **0.00** | **10,528.50** | **11,887.11** | **9,656.00** | **(872.50)** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 3,300.48 | | 3300.48 | 602.43 | 500.00 | (2,800.48) |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 137,598.60 | 32,475.40 | 170074.00 | 14961.14 | 178,545.00 | 8,471.00 |
| 0141 | Insurance Claims | | | 0.00 | | | |
| | | **140,899.08** | **32,475.40** | **173,374.48** | **15,563.57** | **179,045.00** | **5,670.52** |
| | TOTAL | **1,384,173.26** | **71,344.90** | **1,455,518.16** | **1,191,310.29** | **1,317,091.00** | **(138,427.16)** |

**Noti:**

## 4.3. L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettal

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>2011<br>ATTWALI<br>JAN-DIC<br>Eur | b<br>2011<br>MARBUTA<br>JAN-DIC<br>Eur | a+b<br>2011<br>TOTAL<br>JAN-DIC<br>Eur | c<br>2010<br>TOTAL<br>Eur | d<br>2011<br>ESTIMI<br>JAN-DIC<br>Eur | (a+b)-d<br>VARJANZA<br>MA` L-ESTIMI<br>Eur |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **L-Infiq** | | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 9,561.23 | | 9,561.23 | 11,943.65 | 13,386.00 | 3,824.77 |
| 1200 | Pagi ta' l-impjegati | 69,541.09 | | 69,541.09 | 73,429.36 | 77,393.09 | 7,852.00 |
| 1300 | Bonus | 5,802.21 | | 5,802.21 | 3,880.00 | 6,454.93 | 652.72 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 1,053.75 | | 1,053.75 | 1,192.66 | 1,211.00 | 157.25 |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | 6,300.74 | | 6,300.74 | 7,408.63 | 7,078.02 | 777.28 |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | | | 0.00 | | | 0.00 |
| 1700 | Sahra | 1,494.84 | | 1,494.84 | 206.33 | 2,000.00 | 505.16 |
| 1800 | L-Onorarju tal-Kunsillieri | 8,800.00 | | 8,800.00 | 7,920.00 | 8,800.00 | 0.00 |
| | | **102,553.86** | **0.00** | **102,553.86** | **105,980.63** | **116,323.04** | **13,769.18** |
| **2000** | **Manutenzjoni u Xogħolijiet oħra** | | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/iEura/tel. etc.) | 17,808.34 | | 17,808.34 | 15,370.63 | 16,135.00 | (1,673.34) |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 2,509.50 | | 2,509.50 | 5,031.16 | 5,550.00 | 3,040.50 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 82,098.20 | | 82,098.20 | 93,349.05 | 127,350.00 | 45,251.80 |
| 2400 | Kera | 1,248.82 | | 1,248.82 | 1,148.82 | 1,167.00 | (81.82) |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Inter/nazzjonali | 552.00 | | 552.00 | 460.00 | 1,300.00 | 748.00 |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 6,593.16 | | 6,593.16 | 7,909.09 | 7,900.00 | 1,306.84 |
| 2700 | Trasport | 2,795.46 | | 2,795.46 | 798.62 | 1,050.00 | (1,745.46) |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 1,549.52 | | 1,549.52 | 1,824.31 | 5,500.00 | 3,950.48 |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 15,136.05 | | 15,136.05 | 21,151.76 | 23,300.00 | 8,163.95 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 299,166.71 | 21,976.17 | 321,142.88 | 280,785.83 | 312,550.00 | (8,592.88) |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 17,817.96 | 2,074.70 | 19,892.66 | 18,526.96 | 20,600.00 | 707.34 |
| 3200 | Taħriġ | 24,100.84 | | 24,100.84 | 11,784.62 | 11,500.00 | (12,600.84) |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 59,536.08 | 12,744.60 | 72,280.68 | 16,266.42 | 107,400.00 | |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | 3,735.49 | | 3,735.49 | 2,736.20 | 3,400.00 | |
| 3600 | LES Spejjez tal-Infurzar Lokali | 10,910.91 | | 10,910.91 | 6,287.92 | 6,000.00 | (4,910.91) |
| 3700 | Progetti tal-Unjoni Ewropea | 10,218.28 | | 10,218.28 | 30,015.40 | 25,000.00 | 14,781.72 |
| 3800 | Gemellaggi | 3,917.20 | | 3,917.20 | 536.07 | 14,293.89 | 10,376.69 |
| | | **559,694.52** | **36,795.47** | **596,489.99** | **513,982.86** | **689,995.89** | **58,722.07** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | 23,800.00 | | 23,800.00 | | 145,000.00 | 121,200.00 |
| 7100 | Bini | | | - | - | | - |
| 7200 | Titjib | 78,342.06 | 366.00 | 78,708.06 | 60,173.12 | 134,000.00 | 55,291.94 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 1,946.38 | | 1,946.38 | 670.00 | 3,000.00 | 1,053.62 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 835,704.00 | 6,500.00 | 842,204.00 | 221,216.52 | 1,223,517.00 | 381,313.00 |
| | | **939,792.44** | **6,866.00** | **946,658.44** | **282,059.64** | **1,505,517.00** | **558,858.56** |
| | **TOTAL** | **1,602,040.82** | **43,661.47** | **1,645,702.29** | **902,023.13** | **2,311,835.93** | **631,349.81** |

## 6.1 HSBC Bank Savings Account

| | | |
|---|---|---|
| **Bank statement balance** | **€** | **262,217.59** |
| Plus deposits made by 31/12/11 not appearing on bank statement | € | - |
| Less withdrawals made by 31/03/07 not appearing on bank statement | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **262,217.59** |

| | | |
|---|---|---|
| **Bank book balance as of** | **€** | **262,217.59** |
| Plus interest paid by 31/12/11 | € | - |
| Less charges paid by31/12/11 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **262,217.59** |

## 6.2 HSBC Bank Current Account

| | | |
|---|---|---|
| **Bank statement balance** | **€** | **1,164.69** |
| Plus deposits made by 31/12/11 not appearing on bank statement | € | - |
| Less unpresented cheques | € | 13,340.59 |
| **Net bank balance** | **-€** | **12,175.90** |

| | | |
|---|---|---|
| **Bank book balance as of** | **€** | **12,175.90** |
| Plus interest paid by 31/12/11 | € | - |
| Less charges paid by31/12/11 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **12,175.90** |

## 6.3 HSBC Bank Fixed Term Account - 3 Months

| | | |
|---|---|---|
| **Bank statement balance** | **€** | **58,234.34** |
| Plus deposits made by 31/12/11 not appearing on bank statement | € | - |
| Less withdrawals made by 31/03/03 not appearing on bank statement | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **58,234.34** |

| | | |
|---|---|---|
| **Bank book balance as of** | **€** | **58,234.34** |
| Plus interest paid by 31/12/11 | € | 217.41 |
| Less charges paid by31/12/11 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **58,451.75** |

## 6.4 HSBC Bank Fixed Term Account - 6 Months

| | | |
|---|---|---|
| **Bank statement balance** | **€** | **174,703.00** |
| Plus deposits made by 31/12/11 not appearing on bank statement | € | - |
| Less unpresented cheques | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **174,703.00** |

| | | |
|---|---|---|
| **Bank book balance as of** | **€** | **174,703.00** |
| Plus interest paid by 31/12/11 | € | 725.99 |
| Less charges paid by31/12/11 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **175,428.99** |

## 6.5 BOV Savings Account

| **Bank statement balance** | **€** | **466,910.83** |
|---|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/11 not appearing on bank statement | € | - |
| Less withdrawals made by 31/03/03 not appearing on bank statement | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **466,910.83** |

| **Bank book balance as of** | **€** | **466,910.83** |
|---|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/11 | € | 29.06 |
| Less charges paid by31/12/11 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **466,939.89** |

## 6.6 BOV Current Account

| **Bank statement balance** | **€** | **470.95** |
|---|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/11 not appearing on bank statement | € | - |
| Less unpresented cheques | € | 4,460.13 |
| **Net bank balance** | **-€** | **3,989.18** |

| **Bank book balance as of** | **€** | **3,989.18** |
|---|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/11 | € | - |
| Less charges paid by31/12/11 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **3,989.18** |

## 6.9 BOV Bank Fixed Term Account - 3 Months

| **Bank statement balance** | **€** | **58,234.34** |
|---|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/11 not appearing on bank statement | € | - |
| Less withdrawals made by 31/03/03 not appearing on bank statement | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **58,234.34** |

| **Bank book balance as of** | **€** | **58,234.34** |
|---|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/11 | € | 145.75 |
| Less charges paid by31/12/11 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **58,380.09** |

## 6.10 BOV Bank Fixed Term Account - 6 Months

| **Bank statement balance** | **€** | **174,703.00** |
|---|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/11 not appearing on bank statement | € | - |
| Less unpresented cheques | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **174,703.00** |

| **Bank book balance as of** | **€** | **174,703.00** |
|---|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/11 | € | 462.96 |
| Less charges paid by31/12/11 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **175,165.96** |

_____________________________ Carmel Debono – **Segretarju Eżekuttiv**

**Rapport Annwali tal-Uditur – Sena Finanzjarja 2011**